**4 ta' Novembru, 1994**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Joseph D. Camilleri, LL.D.**
**Onor. Joseph A. Filletti, B.A., LL.D., A.R.Hist.S.**

L-Avukat Stephen Dottor Thake bħala mandatarju ta' l-assenti Tracey, mart Andrew Sample, u b'nota tat-13 ta' Mejju, 1992, l-imsemmija Tracey mart Andrew Sample assumiet l-atti tal-kawża in sostituzzjoni tal-mandatarju tagħha fuq imsemmi u b'nota tal-11 ta' Frar, 1994, l-imsemmi Avukat Dottor Stephen Tahke bħala mandatarju ta' l-imsemmija Tracey Sample u *in vista* talk-fatt illi l-istess Tracey Sample tinsab assenti mill-ġdid, assuma l-atti tal-kawża f'isem l-assenti Tracey Sample u b'nota tas-17 ta' Mejju, 1994, Tracey Sample assumiet l-atti tal-kawża

*versus*

Joseph Portelli

**L-interess tal-Minuri bħala Suprem – L-ebda raġunijiet gravi miġjuba li ġġiegħel lill-Qorti tawtorizza li l-istess Minuri jmur jgħix m'ommu.**

*F'kawżi ta' din in-natura, il-Qorti għandha tqis l-interess tal-minuri. Id-drittijiet u l-obbligi ta' l-omm u tal-missier, li jkunu l-kawża tal-litiġju, huma assolutament sekondarji.*

Il-Qorti: –

1. L-attriċi Tracey Simpson iżżewġet lil Joseph Portelli, il-konvenut, fl-Ingilterra fl-10 ta' Ottubru, 1981. Fid-9 ta' Novembru, 1990, il-Qorti tal-Kontea ta' Scarborough, fl-Ingilterra, ippronunzjat id-divorzju bejn l-istess konjugi Portelli-Simpson, u l-mara żżewġet lil Andrew Sample. Il-kura u l-kustodja tal-minuri ġiet fdata lill-omm u l-konvenut kien jivviżita lill-minuri li kien baqa' joqgħod ma' ommu fl-Ingilterra skond id-digriet tad-divorzju. F'waħda minn dawn il-viżiti, Joseph Portelli, ħa miegħu lill-minuri u ġiebu hawn Malta, u għalhekk b'din il-kawża l-omm, talbet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex tiddikjara li huwa fl-interess tal-minuri li dan jiġi fdat fil-kura u l-kustodju ta' ommu, kif ġà kien sar fl-Ingilterra;

Meta saret il-kawża fis-26 ta' Marzu, 1992, li-minuri kien se jagħlaq, fi żmien xahar, il-ħames snin, però kien ittieħed mill-Ingritera, mill-konvenut fil-15 ta' Lulju, 1991;

2. Il-konvenut oġġezjona għat-talba għaliex huwa kien sab illi l-ex-martu kienet tgħix tip ta' ħajja li ċertament ma kienx kompatibbli ma' l-interessi tal-minuri – kemm morali, affettivi kif ukoll, edukattivi. Għall-kuntrarju, issa illi t-tifel qiegħed miegħu, il-ħajja ta' l-eċċipjenti u ta' ommu, hija orjentata b'mod li kollox huwa fl-interess tat-tifel. *Di più*, il-minuri qiegħed jitrabba bħala kattoliku, jattendi skejjel kattoliċi u jingħata istruzzjoni reliġjuża;

3. L-imsemmija Onorabbli Qorti ddeċidiet il-kwistjoni fil-25 ta' Frar, 1994, u fost ħwejjeġ oħra qalet:

"Illi mir-rizultanzi proċesswali, jidher illi l-kontendenti kienu miftehmin dwar l-aċċess li l-konvenut kellu għall-minuri għal żmien twil u s-sitwazzjoni kienet pjuttost sodisfaċenti sakemm il-konvenut intebah li martu kienet qiegħda tikkoabita ma' raġel ieħor;

Jingħad iżda li huwa baqa' jkollu l-aċċess miftiehem tul il-perijodu kollu u tneħħi għal inċident wieħed dan l-aċċess kien qed isir b'mod pjuttost ċivili u ma jistax ma jiġix osservat li l-konvenut kellu aċċess tassew adekwat għal ibnu;

Il-Qorti taqbel mal-perit legali li "jidher li ma kienx in-nuqqas ta' aċċess, ir-raġuni li verament dejjqet lill-konvenut, l-inkwiet tiegħu kien dwar ir-relazzjoni li l-attriċi għandha ma' Andrew Sample. Huwa ma aċċettax il-fatt li martu kienet telqitu difinittivament u kienet rabtet ruħha ma' ħaddieħor;

Fid-dawl ta' l-aċċess li kellu għal ibnu, anki jekk fil-fatt iċ-ċirkostanzi kienu qegħdin ibegħduh xi ftit minn ibnu, ma jidhirx li kien ġustifikat pass hekk drastiku li jaqbad u jieħu lil ibnu mingħajr ma jinforma lil ħadd u anki kontra l-arranġament li kien hemm eżistenti skond il-liġi Ingliża;

Illi dwar l-allegazzjonijiet tal-konvenut rigwardanti l-imġiba ta' Tracy Portelli, il-Qorti tagħmel referenza għall-osservazzjonijiet tal-perit legali "...... il-konvenut kien motivat mill-imħabba tiegħu lejn ibnu u xi ftit ta' ġelosija fil-konfront ta' martu. L-iskandlu u traskuraġni x'aktarx issemmew biss biex jagħtu aktar piż provatorju lill-ġustifikazzjoni tal-kontenut";

Illi l-Qorti tinnota wkoll li l-konvenut ma ħa ebda passi quddiem il-Qrati Malitn wara li huwa ġab lit-tifel tiegħu hawn Malta, b'mod li l-ordni *mogħtija* mill-Qorti Ingliża dwar il-kura kustodja ta' l-istess minuri tiġi riveduta;

Kienet biss l-attriċi li wara bosta sforzi kienet kostretta tintavola din il-kawża biex *tirrepristina* d-dritt tagħha fuq binha;

Illi l-Qorti , għal kull buon fini tikkonferma li skond l-ordinament Malti f'kull vertenza dwar il-kura kustodja tal-*minuri*, il-ġudikant għandu jara x'inhuma il-veri interessi tal-minuri qabel ma jindaga fuq il-leġalità *o meno* ta' xi azzjoni tal-ġenituri;

Dan il-punt ġie wkoll ikkonfermat anki fir-relazzjoni tal-periti addizzjonali li daħlu *a fondo* fuq din il-ġurisprudenza konstanti tagħna;

Illi għalhekk il-Qorti, filwaqt li ma tittraskurax li tikkunsidra serjament id-drittijiet u l-interessi tal-ġenituri, ċertament sejra tħares lejn din il-kawża fit-termini tad-domanda li għandha quddiemha ċjoè talba biex tordna li l-kura kustodja tal-minuri tiġi fdata lil ommu;

Ħuwa paċifiku li għandha tiġi kkunsidrata fid-dawl ta' l-interess suprem tal-minuri;

Illi l-Qorti fliet bl-akbar reqqa x-xiehda kollha li ngħatat f'din il-kawża; kif ukoll r-relazzjonijiet peritali u n-noti li diġà ssemmew u fid-dawl ta' dan kollu, taqbel mal-konklużjonijiet u mal-konsiderazzjonijiet sottomessi mill-perit oltre dak li sejjer jingħad;

Illi l-Qorti tosserva li l-unika relazzjoni illi l-minuri għandu ma' ommu llum tikkonsisti f'telefonati regolari li hija tagħmillu;

Il-Qorti tħoss illi r-relazzjoni tal-minuri f'dawn l-inkontri telefoniċi huwa tassew sintomatiku u jindika li l-minuri żviluppa ċertu kompless fil-konfronti ta' ommu li ċertament ma huwiex salutari;

Fix-xiehda tagħha Sylvia Cassar, oħt il-konvenut, ikkonfermat li waqt dawn it-telefonati huma kienu kostretti jinbuttawh biex ikellem lil ommu kien jaqtagħlha fil-qosor u jirrispondiha dejjem illi ma kellu xejn x'jgħidilha: *"I am in a hurry and have to go"* għalkemm ma jkunx veru. Darba qatagħlha t-telefon u huwa staha u ċemplilha lura". Anke ix-xhud Mary Protelli omm il-konvenut ikkonfermat, "meta iċċempillu ommu ma tantx ikun irid ikellimha";

Illi oltre dak sottomess mill-abbli relaturi dwar ir-raġunijiet li għalihom waslu għall-konklużjoni tagħhom, il-Qorti ssemmi u tagħmel referenza għal dan il-każ tat-telefonati u tħoss li jikkonforta serjament il-konklużjonijiet minnhom raġġunti;

Is-sitwazzjoni familjari ta' martu meta kienu l-Ingilterra setgħet forsi wasslet għall-bidu ta' allontament tiegħu minn ma' ibnu, però s-sitwazzjoni li jinsab fiha bħal issa l-minuri, ċertament qed tikkrealu reazzjoni psikoloġika li qed iżżommu milli jkun jista' jżomm relazzjoni ekwilibrata u salutari kemm ma' ommu kif ukoll ma' missieru;

Il-Qorti mhix se toqgħod tidħol fir-raġunijiet għala l-minuri żviluppa din ir-reazzjoni però ċertament hemm xi ħaġa li lilu qiegħda tassew tinkwetah u wkoll xi ħaġa li lilu qiegħda ġġiegħlu

jħares lejn ommu f'dawl pjuttost negattiv;

Illi din is-sitwazzjoni għandha tiġi pparagonata ma' l-istat mentali tat-tifel meta ġie fil-bidu hawn Malta, wara li kien ilu snin jgħix ma' ommu; u l-Qorti għalhekk tifhem li rigward ta' relazzjoni mal-ġenituri, il-minuri kien aħjar meta kien jgħix ma' ommu milli kif qiegħed jgħix illum;

Illi l-Qorti tifhem li meta żżewġu l-konjuġi Portelli għamlu dan b'ċeremonja fil-knisja kattolika u inoltre skond id-dokumenti esebiti, jidher illi l-minuri kien sejjer jintbagħat skola kattolika ġewwa l-Ingilterra, qabel ma huwa ttieħed minn misieru u nġieb hawn Malta;

Jidher għalekk li l-attriċi ma kinetx qiegħda toġġezzjona għall-edukkazjoni kattolika tal-minuri;

Il-Qorti ma tħossx li għandha tidħol f'hafna dettalji dwar dan il-punt, peress li l-libertà tal-kontendenti dwar l-edukazzjoni tal-minuri hija xi ħaġa li tiddependi mill-fehmiet tagħhom u anke miċ-ċirkostanzi ta' madwarhom, però dwar dan l-aspett tat-trobbija, il-Qorti tagħmel referenza għar-rapport peritali oriġinali li fih hemm sottomess" "jissuspetta li dawn l-argumenti reliġjużi qed jitqajmu mill-konvenut bħala skuża u mhux minnu li l-konvenut hu konvint minnhom. Tant li l-konvenut ma ddejjaqx jiżżewweġ protestanta, ma ddejjaqx jiddivorzja u lanqas ma opponieh, u ma kienx imur il-quddies l-Ingilterra";

Illi l-konvenut talab kemm waqt is-seduti kif ukoll permezz ta' rikorsi n-nomina ta' *social worker* u ta' perit psikjatriku ħalli *jirrelataw dwar il-każ u jassistu l-Qorti fid-deliberazzjonijiet* tagħha;

Illi l-Qorti wara li fliet bir-reqqa r-rizultanzi proċesswali tifhem illi għandha quddiemha provi biżżejjed biex tkun tista' tiddeċidi din il-vertenza u dan mingħajr il-ħtieġa ta' l-imsemmija perit, u għalhekk dawn it-talbiet għandhom jiġu miċħuda;

Jiġi osservat li l-kawża kienet tħalliet għad-9 ta' Frar ta' din is-sena biex jiġu ttrattati dawn it-talbiet u wkoll għat-trattazzjoni tal-kawża kollha, b'mod li l-Qorti tkun tista' wara tħalli l-kawża għas-sentenza;

Propjru lejliet id-data ta' din l-udjenza, il-konvenut ippreżenta ċitazzjoni oħra dwar id-dritt tal-minuri li jinstema' mill-Qorti u n-nomina ta' perit psikjatra fuq l-effetti li d-deċiżjoni tal-Qorti jista' jkollha fuq il-minuri. *Inoltre*, proprju dak in-nhar ta' l-imsemmija udjenza tad-9 ta' Frar, huwa ppreżenta wkoll rikors fejn talab li *in vista* ta' l-imsemmija kawża ġdida din il-Qorti kellha tordna s-soprasessjoni tagħha fil-kawża preżenti sal-eżitu tal-kawża li kienet ġiet intavolata l-lejliet stess;

Illi l-Qorti ma ħassitx in-neċessità li tisma' jew ġġiegħel li jinġieb il-minuri u dan anke minħabba l-età ta' l-istess minuri li presumibilment ma kienx qed jiġi mistenni li jagħti x-xiehda tiegħu dwar dak li ġara diversi snin ilu; dwar il-pożizzjoni attwali tiegħu tressqu provi suffiċjenti biex il-Qorti tkun sodisfatta li għandha quddiemha r-riżultanzi kollha meħtieġa. Lanqas li għandha tiġi akkolta t-talba għas-soprasessjoni u dan wara li jressqu l-provi u sottomissjonijiet tagħhom tant li forsi din il-kawża twalet aktar milli kien mistenni;

Ma jistax ma jiġix ukoll osservat li l-konvenut intavola kull tip ta' rikors u anke wasal biex għamel kawża kostituzzjonali li wara li kellha eżitu għalih negattiv, spiċċat ukoll quddiem il-

Qorti Kostituzzjonali, u ma tħossx li għandha tkompli ttawwal il-punt li tressaq quddiemha u dan kollu joħrog b'mod mill-aktar lampanti minn ħarsa lejn il-proċess tal-kawża odjerna u l-mod kif dana tmexxa minn differiment għall-ieħor, ta' tmintax-il *udjenza li dehret quddiem din il-Qorti;*

Li filwaqt li l-Qorti tħossha konvinta li għandha tiġi akkolta t-talba attriċi, ċertament li, fil-klima tad-diffikultajiet bejn il-partijiet ikun opportun li jiġu stabbiliti modalitajiet dwar l-aċċess li l-konvenut għandu jkollu għal ibnu;

Il-Qorti tifhem li l-konvenut għandu dritt li jkollu aċċess għal perijodu ta' ġimgħa fil-perijodu tal-Milied, u ġimgħa oħra fil-perijodu tal-Għid, dipendenti naturalment fuq id-dati tal-vaganzi ta' l-iskola li *talvolta* jkun qed jattendi l-minuri;

F'dawn il-perijodi ta' l-aċċess, il-konvenut ikollu dritt li jżomm lit-tifel tiegħu ġewwa l-Ingilterra stess, jew inkella jġibu hawn Malta u jirritornah fil-perijodi stabbiliti;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddeċidi din il-kawża billi *tilqa' t-talba attriċi u tordna li l-kura u l-kostodja tal-minuri* James Joseph Porteli llum Sample b'dan li huwa għandu jintbagħat l-iskola *St. Peter's Catholic School* fejn jidher li kien aċċettat skond id-dokument a fol. 56 tal-proċess, jew xi skola oħra alternativa li tkun miftiehma bejn il-kontendenti jew awtorizzata mill-Qorti u l-konvenut għandu jkollu aċċess liberu għall-imsemmi minuri għall-perijodu ta' xahar tul il-vaganzi ta' l-Għid u tal-Milied, f'liema perijodu l-konvenut ikollu dritt li jieħu lit-tifel miegħu kemm l-Ingilterra jew iġibu hawn Malta u jirritornah fid-dar ta' l-imsemmija Tracy Sample ma' l-iskadenza tal-perijodi hawn indikati;

L-ispejjeż stante ċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ għandhom jiġu ssopportati bin-nofs bejn il-kontendenti";

4. Il-konvenut, fl-appell li oppona għal din is-sentenza illamenta illi matul il-proċess kollu, fil-prim'istanza t-tifel ġie kompletament injorat u ħadd, (periti u ġudikant) ma kkunsidra serjament l-interessi tiegħu. Ġew injorati wkoll iċ-ċertifikati, f'mumenti differenti, mill-psikjatra magħruf, it-tabib dottor Joseph Pisani, u l-ewwel Qorti ċaħdet it-talba biex dak li ċċertifika dottor Pisani jiġi assodat skond il-proċedura;

5. Wieħed mill-motivi tas-sentenza appellata, kuntrarju għall-appellant huwa, li meta ġie Malta fil-15 ta' Lulju, 1991, bit-tifel, ma ħa l-ebda pass ġudizzjarju biex jirregolarizza s-sitwazzjoni ġdida li kien ħoloq; mentri l-verità hija li fl-24 ta' Lulju, 1991, ippreżenta rikors quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili għall-kura u kustodja tat-tifel;

6. Finalment, l-ewwel Onorabbli Qorti kellha tieħu in konsiderazzjoni l-kondotta ta' l-appellant fil-konfront ta' l-attriċi, billi huwa mhux talli m'għamlilha ebda ostakolu biex tikkomunika ma' binha, iżda anki offrielha li jħallsilha passaġġi bl-ajru biex tiġi tara 'l binha. Hija ġiet Malta diversi drabi u għaddiet ħinijiet twal mal-minuri bil-kooperazzjoni sħiħa ta' l-appellant;

7. Il-Qorti trid tenfasizza, illi f'kawża bħal din, l-ottika prinċipali tagħha hija waħda - fuq kollox, l-interess tal-minuri. Id-drittijiet u l-obbligi ta' l-omm u tal-missier, li jkunu l-kawża tal-litiġju, huma assolutament sekondarji;

Fil-liġi tagħha dan huwa manifestat, f'diversi artikoli tal-

Kodiċi Ċivili, imma senjalatament fl-artikolu 56:

"(1) Meta tagħti s-sentenza tal-firda, il-Qorti għandha wkoll tordna lil liema waħda mill-partijiet għandha tiġi fdata l-kustodja tat-tfal **u l-konsiderazzjoni ewlenija tkun il-liġi ta' l-ulied**;

(2) Il-Qorti tista', jekk tqis li dawk il-miżuri jkunu tassew meħtieġa, wara li tqis iċ-ċirkostanzi kollha rilevanti, tordna li l-ulied jitqegħdu taħt il-kustodja ta' terzi jew f'xorta oħra ta' kura;

(3) *Omissis;*

(4) **Il-Qorti tista' f'kull żmien, tirrevoka jew tbiddel dawk l-ordnijiet dwar l-ulied, meta l-interessi ta' l-ulied hekk jitolbu"**,

kif ukoll fl-inċiż (2) ta' l-artikolu 60:

"Il-Qorti tista', f'kull żmien, għall-aħjar (ġid) tat-tfal, tħassar jew tbiddel l-ordnijiet li tkun tat dwarhom";

8. Applikat dan il-prinċipju bażilari għall-vertenza preżenti, għandu jiġi fl-ewwel lok osservat illi l-minuri James Joseph Portelli twieled fit-23 ta' April, 1987. Sa kemm kellu erba' (4) snin huwa għex ma' l-attriċi, omm, fl-Ingilterra, billi jidher illi fit-8 ta' Mejju, 1990 – Il-Qorti *tal-Kontea ta' Scarborough (Scarborough Country Court)*, iddegretat illi l-istess minuri għandu jibqa' fil-kustodju ta' l-attriċi, bl-aġġunta illi:

"*The Respondent* (jiġifieri l-konvenut) *do have reasonable*

*access to the said child";*

Ġie wkoll ordnat li t-tifel ma jitneħħiex mill-Ingilterra qabel ma jkollu tmintax-il sena (18);

Mid-dokument D1 fol. 53 jidher li l-attriċi u binha marru joqogħdu għal rashom – u cjoè mhux fl-istess dar mal-konvenut, fit-12 ta' Novembru, 1989. It-tifel kellu sentejn u nofs;

Fl-15 ta' Lulju, 1991 – meta l-minuri kellu erba' snin, il-konvenut qabad u ġieb il-minuri Malta, u fis-26 ta' Marzu, 1992, l-attriċi pproponiet din il-kawża biex l-Onorabbli Qorti Ċivili Prim'Awla tafdalha mill-ġdid il-minuri, taħt dawk il-kundizzjonijiet li jidhrilha xierqa;

9. Il-Qorti tikkunsidra li l-komportament tal-konvenut huwa kondannabbli, għaliex jekk, kif jigħid, dak li għamel għamlu fl-interess tal-minuri, huwa kellu, fl-ewwel lok, jadixxi l-Qrati Ingliżi biex jiġi varjat id-digriet tal-kustodja tat-tifel. Flok għamel hekk, ħa l-liġi b'idejh u ġieb il-minuri f'Malta;

10. Illum din il-Qorti – kif jiġri f'dawn il-każijiet, hija rinfaċċjata b'fatt kompjut, li riprovevoli kemm huwa reprovevoli, hija obbligata li tipprixxendi minn dan biex tħares x'inhuma l-interessi tat-tifel, – (ara Qorti Kostituzzjonali 22 ta' April, 1991, fir-rikors ta' Martin Vella – Vol. LXXV.I.207) u Qorti ta' l-Appell, 7 ta' Mejju, 1993, Caron Vanessa Baer *propio et nomine vs* Victor Paul Schembri);

It-tifel illum għandu seba' snin u nofs. Ma hemm xejn mill-provi fl-inkartament li jindikaw li m'huwiex qiegħed jitrabba sewwa, mhux qed jiġi mantenut u kkurat kif imiss, li f'dawn

it-tliet snin li ilu jgħix f'din il-ħajja, ma nteġrax ruħu fl-ambjent tal-familja ta' missieru, il-konvenut, u speċjalment fl-atmosfera u l-klima kulturali ġdida – dik Maltija, ipparagunata ma' dik oriġinali tiegħu, l-Ingliża. Il-Qorti għalhekk trid, tikkunsidra fuq kollox, jekk kemm-il darba – anki kieku l-kundizzjonijiet ta' ħajja għat-tifel kienu ugwali – bejn il-ħajja ma' ommu u l-ħajja - ma' missieru - jidher li ċertament, jekk it-tifel jerġa' b'ordni ta' din il-Qorti, jiġi sradikat mill-ambjent li fih ilu jgħix tliet snin biex jintbagħat jgħix ma' l-attriċi fl-Ingilterra, ma jistax ma jkollux effett negattiv sostanzjali fuq tifel li issa għadda mill-ewwel fażi ta' maturazzjoni psikoloġika – dik ta' bejn l-età ta' minn erba' sa seba' snin. Għalekk *ceteris paribus*, *din il-Qorti* jidhrilha li issa ma tistax, la ma ġewx indikati raġunijiet gravi u impellanti kontra l-interessi tal-minuri – li tawtorizza li l-istess minuri issa jerġa' jmur jgħix ma' l-attriċi, ommu;

Din hija l-konsiderazzjoni li trid issir deċisiva għad-deċiżjoni ta' din il-Qorti;

11. Id-domanda li għamlet l-attriċi fil-kawża, se tiġi *ripetuta verbatim sabiex tiġi ċċarata l-posizzjoni ġuridika korretta* tal-każ preżenti. Din tgħid:

"Jgħid il-konvenut għaliex m'għandhiex din il-Qorti, għar-raġunijiet premessi: **Fl-aħjar interess ta' l-imsemmi minuri James Joseph Portelli** tordna illi **l-kura u l-kustodja ta' l-istess minuri James Joseph Portelli** tiġi fdata lill-imsemmija ommu Tracy Portelli, illum Sample u tagħti dawk il-provvedimenti kollha illi jkunu opportuni f'dan ir-rigward";

Dan jorbot il-Qorti li ma tistax – minn jeddha – toħroġ barra mit-termini li jimpurtawlha l-partijiet, (ħlief fil-każijiet u

l-interessi tal-minuri hekk jeħtieġu) u għalhekk ħafna mill-fatti u konsiderazzjonijiet li ġew imsemmija – li ma jottjenux għad-domanda, m'humiex verament rilevanti;

*B'dan kollu* huwa tajjeb *li* jingħad *illi* din il-Qorti *f'dak li* qed tiddisponi f'din id-deċiżjoni żammet ukoll quddiem għajnejha dak li, in materja, qiegħed isir anki fil-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem. Hekk per eżempju, ġiet kkonsiderata s-sentenza tagħha riċentissima – dik tat-23 ta' Settembru, 1994 – fil-każ Hokkanen kontra l-Finlandja. Il-każ kien jirrigwarda litiġju fuq il-kura u kustodja bejn il-missier u n-nanniet materni, ta' minuri li ommha kienet mietet. Fil-parti tas-sentenza fejn ġiet anki kkonsiderata l-problema tal-koerċizzjoni f'dawn il-każijiet, fil-kontestazzjonijiet, anki radikali, bejn il-familjari tal-minuri, il-Qorti Ewropeja, fil-paragrafu 58, qalet:

*"Whilst national authorities must do their utmost to facilitate such co-operation, any obligation to apply coercion in this area must be limited since the interests as well as the rights and freedoms of all concerned must be taken into account, and more particularly the best interests of the child and his or her rights under article 8 of the Convention. Where contacts with the parent may appear to threaten those interests or interfere with those rights, it is for the national authorities to strike a fair balance between them"*;

12. Hemm fl-aħħarnett konsiderazzjoni ġurisdizzjonali importanti, jiġifieri illi dak li ordnat u kkondizzjonat is-sentenza appellata ma jistgħux jiġu minn din il-Qorti segwiti għaliex huwa manifest illi huwa assolutament imprudenti għal din il-Qorti li tagħti ordnijiet u direttivi li jridu jiġu implimentati f'post fl-Ingilterra fejn hija m'għandha ebda awtorità, pajjiż li huwa difatti

kompletament barra mill-ġurisdizzjoni tagħha;

13. Għal dawn ir-raġunijiet, l-appell huwa milqugħ fis-sens illi t-talba ta' l-attriċi m'hijiex se tiġi milqugħa sempliċement għaliex hemm l-ostakolu ta' l-interess superjuri tat-tifel James Joseph, billi l-Qorti qiegħda, **għall-iskopijiet tal-preżenti kawża** tipprexxindi mit-tortijiet *o meno* tal-partijiet inkwantu dawn m'humiex rilevanti fis-sens ta' dak li huwa kkonsiderat fil-paragrafi ta' din is-sentenza speċjalment l-paragrafu 10;

Qiegħed espressament jingħad illi d-drittijiet ta' aċċess ta' l-attriċi għall-istess minuri huma lilha pjenament riservati u m'humiex se jiġu hawn speċifikati għaliex huma *"ultra petita"* iżda din il-Qorti trid espressament tindika lill-konvenut li huwa f'dan ir-rigward, għandu l-obbligi li – *mutatis mutandis* – din il-Qorti stabbiliet fl-isemmija sentenza tagħha tas-7 ta' Mejju, 1993, fl-ismijiet Caron Vanessa Baer *proprio et nomine vs* Victor Paul Schembri;

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi *stante* l-misfatt inizjali tal-15 ta' Lulju, 1991, huma kollha a karigu tal-konvenut.